MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 90/2006

Kawza fil-lista: 25

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatli permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-28 ta' Gunju 1986;

2. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, ingurji, abbandun, vjolenza morali u adulterju da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru bejn il-kontendenti.

3. Illi miz-zwieg twieldu zewgt itfal bl-isem ta’ D li llum ghandu l-eta’ ta’ sbatax-il sena u E li llum ghandha l-eta’ ta’ hdax-il sena.

4. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali.

Ghaldaqstant l-attrici umilment titlob li ghar-ragunijiet hawn fuq premessi dina l-Onorabbli Qorti ghandha:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta’ bejn il-kontendenti;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja assoluta tat-tfal minuri hawn fuq imsemmija lill-konvenuta-rikonvenzjonata.

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tfal minuri taghha.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f’ zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma, u okkorrendo ta’ Nutar Pubbliku biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

5. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsanja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta’ perit nominand.

6. Tordna l-izgumbrament tal-konvenut mid-dar matrimonjali u cioe’ mill-fond bl-isem ta’ 10, Triq il-Fenici, Mosta.

7. Tiddikjara illi d-dar matrimonjali huwa l-fond proprjeta’ parafernali tal-attrici.

8. Tapplika l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante huwa l-konvenut li huwa unikament hati tal-firda minn mal-attrici u ghalhekk ghandhom jigu applikati l-effetti kollha ta' l-imsemmi artikolu fil-konfront tal-istess konvenut.

9. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni stante illi l-attrici m' ghandha tbati l-ebda forma ta' spejjez stante illi l-firda ma kienetx it-tort taghha izda tort unikament tal-konvenut.

Bl-ispejjez u l-konvenut minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa: li jezistu ragunijiet ghas-separazzjoni izda dawn huma mputabbli lill-attrici "minhabba nkompatibilita' ta' karattru ta' bejniethom u l-komportament aggressiv da parti ta' l-attrici; li l-kura u kustodja ghandha tkun kongunta, b' access favur tieghu; li m' ghandux jigi ordnat ihallas manteniment lill-attrici stante li din kapaci tahdem; li d-dar matrimonjali tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut, stante li z-zwieg ta' bejniethom tkisser irrimedjabilment ghal ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut u kontemplat fl-artikoli 38, 40 u 41 tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Min-naha tieghu l-konvenut qed jaghti t-tort lill-attrici.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-28 Gunju 1986, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewg t'itfal, D, li llum huwa maggjorenni, u E li ghadha minorenni. Fis-sena 2001 circa, il-partijiet bdew jirriskontraw problemi matrimonjali, bir-rizultat li fis-sena 2006 l-attrici inizjat proceduri ghas-separazzjoni.

Ghalkemm il-partijiet baqghu joqghodu fl-istess dar ghal zmien twil wara l-proceduri, jidher li l-konvenut telaq mid-dar f' dawn l-ahhar sentejn; u fis-19 Novembru 2010, huwa kellu tifel minn mara ta' nazzjonalita' Marokkina

*Verzjoni Attrici*
In sostanza l-attrici tghid li l-inkwiet matrimonjali beda fis-sena 2001 meta l-konvenut beda jahdem ghal rasu fl-istallel taz-zwiemel, bil-konsegwenza li kien jaghmel hinijiet twal tal-gurnata barra mid-dar, u dan a skapitu wkoll tal-familja tieghu.

Maz-zmien il-komportament tal-konvenut fil-konfront tal-attrici tbiddel fis-sens li beda jsir aggressiv, u wkoll l-attrici rat kambjament fl-ilbies li kien jilbes qabel ma johrog. L-attrici bdiet tissuspetta li l-konvenut kien infidil lejha, meta dan dahhal tahdem mieghu fl-istallel lil certu Y W. Dawn is-suspetti gew alimentati bil-fatt li, fl-okkazzjoni li l-partijiet kienu marru jaraw lil din Y W, wara li kellha ncident biz-zwiemel, l-attrici dehrilha li l-konvenut kien fizikament qrib hafna ta' din il-mara u kien qed jaghtiha hafna attenzjoni, u dan, minkejja li fil-kamra kien hemm familjari ohra. L-attrici hassitha urtata b' dawn il-kunfidenzi, u s-sitwazzjoni aggravat, tant li fis-sena 2003 il-konvenut kien talabha s-separazzjoni, izda hi ma rieditx peress li t-tfal kienu ghadhom zghar.

L-attrici tghid ukoll li certu Q K, li wkoll kienet ghamlet zmien tiffrekwenta l-istallel, kienet stqarret maghha li hi kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut. L-attrici pprezentat cassette tape ta' din il-konverzazzjoni.

Konsegwentement is-sitwazzjoni marret ghall-aghar, u "zewgi beda ma jersaqx lejja pero' jien imbaghad iddejjaqt, u f' nofs is-sena 2005" il-hajja konjugali bejn il-

partijiet spiccat, u wara li saret taf li l-attur kien rega' dahhal jahdem mieghu fl-istallel lill-imsemmija Y W, allura mara separata, hija ddecidiet li tibda l-proceduri ghas-separazzjoni. Fil-frattemp, il-partijiet baqghu joqghodu fl-istess dar, sakemm ghal habta tas-sena 2010 l-konvenut ma baqax jghix fid-dar.

*Verzjoni konvenut*

Min-naha tieghu l-konvenut jispjega li s-sitwazzjoni matrimonjali bejnu u bejn martu bdiet tihzien meta fis-sena 2000, il-kugina ta' martu, li ma setghetx ikollha tfal, kienet issugeritilha sabiex l-attrici jkollha tarbija mir-ragel taghha, u mat-twelid din it-tarbija tinghata lill-istess kugina taghha. Skont il-konvenut, l-attrici ma accettatx peress li ma kienitx certa li l-kugina taghha tiehu t-tarbija.

Wara li l-konvenut sar jaf b' dan, u skont hu, martu kienet lesta li tmur ma' ragel iehor, huwa ddispjacjh, u ma baqax jafdha. Huwa kien kontra li l-attrici tmur tahdem barra mid-dar kif xtaqet. Jghid li pero' wara xi zmien hi bdiet tohrog mid-dar, u ma taghtihx sodsfazzjoni ta' fejn kienet marret, u gieghli dahlet id-dar fis-sieghat bikrin ta' filghodu.

Rigward l-istallel, il-konvenut jispjega li huwa kien dahal f' dan in-negozju sabiex jtejjeb il-pozizzjoni finanzjarja tieghu ghal gid tal-familja kollha. Huwa jichad dak li ntqal fuqu dwar relazzjonijiet intimi ma' nisa ohra, u jispjega li dan ix-xoghol kien jirrikjedi hafna hin peress li kellu ghaxar t'izwiemel x'jipprepara. Ghalhekk ukoll kienu jigu jghinuh nies ohra, inkluz it-tifel tieghu. Huwa jenfasizza l-fatt, korroborat anke mill-attrici, li l-bibien tal-istallel kienu jkunu dejjem miftuhin ghall-pubbliku.

Rigward it-terminazzjoni tal-hajja konjugali bejn il-partijiet, il-konvenut jghid li kienet martu li bdiet tirrifjuta li jkollha relazzjonijiet intimi mieghu, u mhux hu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-assjem tal-provi, il-Qorti hi tal-fehema li l-inkwiet matrimonjali jsib is-sors tieghu fil-fatt li, meta l-konvenut beda jiggestixxi n-negozju tal-horse riding, huwa kien

dahhal nisa jghinuh fix-xoghol, bir-rizultat li martu kienet bdiet tissuspetta li hu kien infidil lejha. Dawn is-suspetti kienu gabu bidla fil-komportament tal-attrici, kif ukoll tal-konvenut, bir-rizultat li l-partijiet bdew jiddistanzjaw ruhhom minn xulxin. Min-naha tieghu l-konvenut kien aggressiv, u nsensittiv fil-konfront ta’ martu.

Illi rigward l-akkuza tal-adulterju, il-Qorti tosserva li l-provi huma kontrastanti, fis-sens li dak imputat mill-attrici jinsab kontraddett mix-xhieda; hlief mix-xhieda tat-tifel tal-partijiet, liema xhieda, in kwantu rigwardanti Jean Paul Grima, giet kontradetta minn dan ta’ l-ahhar.

Illi rigward il-konvezazzjoni bejn l-attrici u l-imsemmija Q P, registrata mill-attrici bil-kunsens tal-istess P, il-Qorti, fl-apprezzament taghha qed tiskarta din il-prova, kemm ghax hija prova arkitettata, kif ukoll in vista tax-xhieda moghtija mill-istess P, li spjegat li hi kienet accettat li tghid id-diskors registrat, biex tivvindika ruhha mill-konvenut wara li kien qallha biex ma tmurx izjed l-istallel. Dawn il-fatturi jdghajjfu b’mod qawwi din il-valur probatorju ta’ din il-prova.

Illi ghalhekk il-Qorti hi tal-fehema li l-attrici ma rnexxielhiex tipprova sodisfacentment li matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenut wettaq adulterju; izda, mill-banda l-ohra, il-Qorti tosserva li hemm provi sufficjenti li juru li l-konvenut kellu hbiberija specjali u ngurjuza mal-imsemmija Y W, liema hbiberija kienet sors ta’ mrar u dwejjaq kontinwu ghall-attrici martu. Izda l-konvenut ma mpurtahx minn dan, u di fatti kompla b’ din il-hbiberija tieghu ma’ din il-mara, minkejja l-oggezzjoni kontinwa ta’ martu. Dan il-komportament tal-konvenut fil-konfront ta’ martu, ezercitat fuq tul ta’ zmien, jikkostitwixxi kemm ‘sevizzi’ kif ukoll ‘ngurja gravi’ fil-konfront taghha fit-termini tal-artikolu 40 tal-kapitlu 16, u jikkostitwixxu l-kawza principali tas-separazzjoni personali.

Inoltre, irrizulta li fil-mori tal-kawza, il-konvenut kellu relazzjoni adulteruza ma’ mara Marokkina, li minnha twieled tifel.

Illi min-naha tal-attrici din il-Qorti ma tirravvizax komportament abuziv li wassal ghas-separazzjoni.

Dwar l-allegazzjoni tal-konvenut li martu kienet ikkunsidrat li tmur mar-ragel tal-kugina taghha, huwa opportun li jigi kjarifikat li l-istess kugina, li giet Malta mill-Awstralja appozitament, biex tixhed fuq dan il-punt li kien jirrigwarda lilha, spjegat li, f' konverzazzjoni kazwali li hi kellha mal-attrici, hija kienet issuggerietilha li din tkun surrogate mother, b'mezzi xjentifici u mhux li tmur ma' zewgha;  u d-diskors kien waqaf hemm u ma regghex tqajjem hlief fil-kawza.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba sevizzi u ngurja gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' l-attrici; kif ukoll minhabba r-relazzjoni adultera sussegwenti.  Dan il-komportament abuziv tal-konvenut jattira l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-kapitlu 16.

**Kura u Kustodja**

Illi fl-ahjar interess tat-tifla E li ghadha minuri, il-Qorti tordna li l-kura u kustodja taghha tkun f' data f' idejn l-attrici, filwaqt li l-konvenut ikollu access konkordat mal-minuri..

**Manteniment**

Illi tenut kont li l-konvenut huwa hati tal-firda, huwa ghandu l-obbligu li jmantni lill-attrici martu, kemm-il darba din ma tkunx qed tahdem bi qligh adegwat u regolari.

Illi, tenut kont tal-eta' tal-attrici kif ukoll tal-fatt li ma jirrizultax li din tbati minn xi kondizzjoni medika li timpediha milli tahdem biex tmantni lilha nnifisha, u tenut kont tal-mezzi tal-partijiet, il-Qorti qed tikkomputa l-manteniment dovut lill-attrici ghaliha fl-ammont ta' mitejn u hdax-il ewro [€211] kull erba' gimghat, u dak dovut ghat-tifla minuri fl-ammont ta' mija u erbaghin ewro [€140].

Ghalhekk tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici b' kollox is-somma ta' €351 kull erba' gimghat deducibbli direttament

mis-salarju tieghu. Dawn l-ammonti jizdiedu kull sena skont l-indici tal-Gvern dwar l-gholi tal-hajja.

Il-manteniment tal-attrici jieqaf jekk din tibda tahdem bi qligh adegwat; l-istess jghodd ghall-manteniment tal-minuri jekk dina tibda tahdem bi qligh adegwat qabel ma taghalaq tmientax-il sena.

**Dar Matrimonjali**

Illi l-kontestazzjoni f' dan ir-rigward hija fis-sens li, filwaqt li l-attrici ssostni li din hi proprjeta' parafernali taghha, il-konvenut jghid li din tippartjeni liz-zewg partijiet.

Il-fatti fir-rigward huma dawn. Fit-30 Settembru 1982 il-partijiet, allura gharajjes, iffirmaw applikazzjoni taht l-iskema tal-Gvern biex tigi allokata lilhom bicca art ghal-bini tad-dar konjugali. L-applikazzjoni kellha ezitu pozittiv, u giet allokata lill-partijiet bicca art ghal dan l-iskop.

Ir-rapprezentanta tal-Awtorita' tad-Djar tispjega li l-iskema li tahtha saret l-applikazzjoni de quo kienet wahda rizervata ghall-gharejjes [jew ghall-mizzewwgin], b' mod li persuna ma jistax japplika wahdu. Din kienet kondizzjoni biex tkun tista' ssir tali applikazzjoni validament. Ix-xhud tghid ukoll li, ghalhekk, ghad-dipartiment il-beneficjarji huma z-zewg partijiet li ffirmaw l-applikazzjoni.

Illi meta l-partijiet saru jafu li l-applikazzjoni taghhom kellha success, huma ftehmu li l-art tigi registrata fuq l-attrici, minhabba incident tat-traffiku fatali li kellu l-konvenut u l-possibilita' li dan jigi mfittex ghad-danni. Ir-rapprezentanta tal-Awtorita' tad-Djar spjegat li l-art kienet giet irregistrata fuq l-attrici minhabba policy tad-dipartiment, stante li "dak iz-zmien kien hemm is-sistema li l-Lohombus kien jaghti l-loan lil min kellu l-aktar paga."[1]

Ferm il-premess, kif ukoll fid-dawl tal-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza ***Lanzon vs Lanzon***[2], il-Qorti hija tal-fehema li mill-provi jirrizulta manifestament

[1] Vol.3 – fol.614
[2] App.1197/02 – 30.11.2007

li, meta l-attrici deheret fuq il-kuntratt tal-akkwist tal-arti, hija kienet qeda tidher kemm ghaliha kif ukoll ghall-konvenut, allura gharus taghha, li u bis-sahha tieghu wkoll kien sar possibbli dan l-akkwisti.

Ghaldaqstant il-pretensjoni tal-konvenut li l-akkwist tal-art sar miz-zewg partjiet hija fattwalment u legalment valida; u din il-Qorti ghandha tqis dan il-fond bhala appartenenti liz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

Illi l-materja tal-hlas tal-ispejjez tal-bini, huwa punt ta' kuntrast bejn il-partijiet, ghax, filwaqt li l-attrici tghid li l-bini gie kostruwit bi spejjez taghha, u bl-ghajnuna tal-familjari taghha, il-konvenut min-naha tieghu jghid li l-flus tal-bini kien harighom hu, filwaqt li fil-post kien ghamel hafna xoghol hu personalment.

Illi fl-affidavit taghha l-attrici tindika l-ispejjez inkorsi minnha, konsistenti fis-somma ta' LM400 [illum €932] tal-permess, LM200 [illum €466 ] biex ghamlet il-madum tad-dar, u l-pagamenti tal-loans maghmula minnha qabel iz-zwieg fl-ammont komplessiv ta' LM468 [3][illum €1,090 ]. Hija ressqet lil Carmelo Pace bhala xhud li qal li hu kien bena wahdu l-ewwel sular, u ta' dan kien thallas b'pagamenti maghmula daqqa mill-attrici u daqqa mill-konvenut. Ressqet ukoll lil Oscar Debono li jikkonferma li huwa kien ghamel ix-xoghol ta' kisi u tibjid fil-fond, u ta' dan kien thallas mill-attrici.

Min-naha tieghu l-konvenut, spjega fit-dettal ix-xoghol kollu li sar fil-fond in kwistjoni, kemm minnu personalment kif ukoll tramite haddiema, w a spejjez tieghu.

In propozitu l-Qorti tosserva li, ghalkemm il-konvenut ma ressaqx xhieda in sostenn tax-xogholijiet li saru minnu, mill-banda l-ohra x-xogholijiet indikati mill-attrici ma jsostnux it-tezi taghha li d-dar inbniet a spejjez taghha; u ghalhekk, in difett ta' provi li juru l-kuntrarju u fuq bazi ta' probabbilita', il-Qorti hi tal-fehema li z-zewg partijiet

[3] LM13x12x3

ikkontribwew b'mod sostanzjali ghall-kostruzzjoni tad-dar fi kwoti approssivament indaqs.

In konkluzjoni, filwaqt li qed jigi dikjarat li l-fond fuq indikat jappartjeni liz-zewg partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom, tordna li l-istess fond jigi stmat mill-perit Paul Micallef li qed jigi nominat mill-Qorti bhala espert, a spejjez taz-zewg partijiet, ghal dan l-iskop, kemm-il darba il-partijiet ma jaqblux fuq il-valur ta' dan il-fond; u tordna li l-fond jinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena ghall-prezz mhux inferjuri ghall-ammont tal-istima jew tal-valur konkordat bejn il-partijiet; u, fin-nuqqas, il-post jinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti; u, ir-rikavat, wara li jitnaqqsu minnu kull dejn tavvolta gravanti l-fond, u wkoll il-kontijiet relattivi ghall-utilitajiet tad-dar, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

*Attiv*

[1] L-attivita' kummerjcali gestita mill-konvenut, li taghha ma nghata ebda valur;
[2] Kontijiet bankarji;
[3] Ghamara u effetti mobbli fid-dar.
[4] Vetturi: Toyota Starlet, Ford Fiesta u Trukk Bedford,.

*Passiv*

Dejn fl-ammont ta' LM900 [illum €2,096] flimkien mal-imghax u spejjez tal-kawza relattiva.

*In-Negozju*

Filwaqt li l-partijiet jaqblu li biex twaqqaf dan in-negozju huma kienu gibdu mill-bank is-somma ta' LM5,600 [illum €13,044], il-konvenut jghid, u din il-Qorti taghtih affidament fir-rigward, li dawn kienu ngibdu bil-kunsens tal-attrici li wara kollox, matul iz-zwieg, kienet ukoll tibbenefika mill-introjtu tan-negozju.

Illi peress li ma nghatax valur tan-negozju din il-Qorti tordna li l-oggetti kollha, inkluzi l-bhejjem [zwiemel] relatati man-negozju jigu stmati, jekk mehtieg b'espert nominat minn din il-Qorti; u, filwaqt li l-attrici tassenja sehemha minn negozju lill-konvenut b'mod li ghandu jappartjeni lilu

fl-intier tieghu, il-konvenut hu ordnat jhallas lill-attrici l-ammont rapprezentanti nofs il-valur tal-istess negozju.

Rigward id-dejn konsistenti fl-ammont ta’ LM5,000 [illum €11,647 ] li l-konvenut jghid li hu ssellef mill-idejn, il-Qorti tosserva li dwar dan ma ngabet ebda prova, u ghalhekk din il-pretensjoni qed tigi michuda.

*Kontijiet Bankarji*

Il-Qorti tordna li l-bilanci ezistenti fil-kontijiet bankarji fil-Bank of Valletta u fil-Bank HSBC, kemm jekk intestati fuq il-partijiet separatament, kemm konguntivament, jinqassmu wgwalment bejniethom.

*Ghamara u effetti mobbli*

Illi l-attrici tghid li parti minn dawn l-oggetti huma parafernali taghha u li kienu gew donati lilha mill-genituri taghha. Issemmi wkoll l-ghamara li huma tal-komunjoni ta’ l-akkwisti. Min-naha tieghu l-konvenut isostni li l-ghamara u l-effetti li hemm fid-dar gew mixtrija minnu waqt iz-zwieg. In propozitu l-Qorti, tenut kont tal-kuntrast bejn il-partijiet, u n-nuqqas da parti tal-attrici li ssostni b’ mod sodisfacenti t-tezi taghha, il-Qorti ghandha tistrih fuq il-prezunzjoni li dak kollu li hemm fid-dar sar waqt iz-zwieg u huwa tal-komunjoni tal-akkwisti.

Ghaldaqstant, tordna li l-dawn l-oggetti jigu stmati mill-istimatur Peter Bonello li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop a spejjez taz-zewg partijiet, u wara, jinbieghu fuq is-suq hieles fi zmien sena ghall-prezz mhux inferjuri ghall-valur rispettiv taghhom, u, fin-nuqqas, jinbieghu taht l-awtorita’ ta’ din il-Qorti; u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. – sakemm il-partijiet ma jiftehmux bil-miktub mod iehor.

*Vetturi*

Il-Qorti, tenut kont li hemm diskordju dwar il-valur ta’ dawn il-vetturi, tordna li dawn jigu valutati mill-espert Joseph Zammit li qed jigi nominat ghal dan l-iskop, u sussegwentement jinbieghu bl-istess mod kif ordnat fil-paragrafu precedenti, u r-rikavat, wara li jitnaqqas minnu d-dejn tavvolta gravanti dawn il-vetturi, inkluzi spejjez ta’ licenzji u multi, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

*Dejn*
Id-dejn fuq indikat jikun a kariku taz-zewg partijiet fi kwoti wgwali. Kull dejn iehor li parti tkun ghamlet ad insaputa tal-parti l-ohra jkun a kariku tal-parti li tkun ghamlitu.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-konvenut;
[2] tilqa' t-tieni talba fit-termini kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';
[3] tilqa' it-tielet talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';
[4] tilqa' ir-raba' talba u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenjha kif fuq stabbilit u ordnat; tordna wkoll li l-fond jinqasam bejn il-partijiet kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Dar Matrimonjali';
[5] tichad il-hames talba;
[6] tichad is-sitt talba;
[7] tichad is-seba' talba;
[8] tilqa' t-tmien talba, u tapplika kontra l-konvenut id-dispost fl-intier tieghu tal-artikolu 48 tal-kapitlu16 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------